**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**5 ta' Diċembru, 2022**

**Rikors Numru 63/2022**

**Mari Caruana**

**Vs**

**Awtorita` Dwar it-Transport ta' Malta (Transport Malta)**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ippreżentat minn **Mari Caruana** datat 26 ta' Lulju, 2022, li permezz tiegħu ppremettiet is-segwenti:

1. *Illi l-esponenti hija mara anzjana u diżabbli u hija is-sid ta' vettura van tal-għamla LDV Convoy bin-numru ta' reġistrazzjoni ECE019;*
2. *Illi l-imsemmija vettura kienet tintuża min-neputi tagħha Noel Apap (ID-526872(M)) sabiex ikun jista' joħroġ lill-esponenti u dan għaliex minħabba l-problemi ta' mobbilta' tal-istess esponenti din il-vettura hija ideali sabiex hija tkun tista' tirkeb u tinġarr ġo fiha;*
3. *Illi din il-vettura hija liċenzjata għat-triq u koperta b'polza ta' assigurazzjoni sabiex tkun tista tintuża fit-triq u tkun konformi mar-rekwiżiti tal-liġi;*
4. *Illi nhar it-2 ta' Mejju 2022 uffiċjali tal-infurzar mill-Awtorita' Dwar it-Transport ta' Malta irmunkaw il-vettura tal-għamla LDV Convoy bin-numru ta' reġistrazzjoni ECE019 waqt li din kienet ipparkjata ġewwa Triq Dun Ġorġ Preca il-Ħamrun f' post fejn il-parkeġġ huwa permess;*

5. *Illi din l-azzjoni mill-uffiċjali tal-infurzar tal-Awtorita' dwar it-Trasport Malta kienet azzjoni ultra vires u dan peress li ma kien hemm l-ebda raġuni valida fil-liġi għalfejn din il-vettura kellha tiġi irmunkata;*
6. *Illi din il-vettura għada sa llum b' mod abbużiv tiġi miżmuma għand l-Awtorita' Dwar it-Trasport Malta u kien għalxejn li l-esponenti talbet anki permezz ta' ittra uffiċjali sabiex din il-vettura tiġi rilaxxata lura fil-pussess tagħha;*
7. *Illi sa llum wara li għaddew aktar min xahrejn min meta din il-vettura ġiet irmunkata l-esponenti għada ma rċeviet l-ebda kommunikazzjoni uffiċjali għalfejn kienet ittieħdet din l-azzjoni fil-konfront tal-vettura tagħha;*
8. *Illi fis-26 ta' Mejju 2022 kien sar meeting fejn l-Uffiċjali tal-Awtorita' dwar it-Transport f' Malta kienu talbu lin-neputi tal-esponenti is-su riferit Noel Apap, li kien qiegħed jaġixxi f' isem l-esponenti permezz ta' prokura, sabiex jiffirma dokument li bih ikun qiegħed jawtorizza lil istess Uffiċjali tal-Awtorita' dwar it-Transport f' Malta sabiex jagħmlu spezzjoni ġewwa l-vettura ECE019 li kienet fil-pussess tagħhom u wara jiriliaxxaw il-vettura;*
9. *Illi is-Sur Apap irrifjuta illi jiffirma din id-dikjarazzjoni u dan fid-dawl illi jekk veru l-Awtorita' konċernata kellha is-setgħa li tirmonka l-imsemmija vettura u tagħmel spezzjoni fuqha ma kien jinħtieġ l-ebda kunsens mingħandu jew mingħand l-esponenti sabiex issir spezzjoni fuq il-vettura, aktar u aktar meta din il-vettura kienet ilha aktar min ħmistax-il ġurnata fil-pussess tal-istess awtorita';*
10. *Illi jekk wieħed jara x' jgħid ir-regolament 8 tas- S.L 499.51 issib li dan jgħid:-*

> *"L-Uffiċjali ta' Infurzar ikollhom* ***is-setgħa jwaqqfu kull vettura fit-triq****, inklużi vetturi reġistrati f'pajjiż ieħor, u jagħmlu spezzjonijiet tekniċi kif jiġu fit-triq, inklużi spezzjonijiet tekniċi fit-triq li jkollhom x'jaqsmu mal-vettura u spezzjonijiet tal-liċenzi kollha u dokumenti oħra relatati ma' dik il-vettura jew liċenza li jkollha x'taqsam max-xufier"*

11. *Illi allura dan ir-regolament fuq ċitat juri biċ-ċar illi l-Uffiċjali tal-Infurzar għandhom setgħa iwaqqfu kull vettura fit-triq. Allura sabiex l-Uffiċjali jagħmlu l-ispezzjonijiet u l-azzjonijiet li tagħtihom il-liġi fir-regolament 9 tas-S.L 499.51 irridu l-ewwel jwaqqfu vettura li tkun*

*qedgħha tinstaq u mhux jirrmunkaw vettura li tkun ipparkjata, f' post permissibli għal-parkeġġ;*

12. *Illi allura fil-każ odjern l-azzjoni meħuda mill-Uffiċjali tal-Infurzar tal-Awtorita' dwar it-Transport Malta ittieħdu b' mod abbużiv u ultra vires u konsegwenatment bit-teħid tal-imsemmija vettura ġew anki leżi id-drittijiet kostituzzjonali tal-esponenti;*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti iġib dan ir-rikors a' konjizzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal, u jirriserva d-dritt li jipprovdi aggravji ulterjuri waqt is-smiegħ ta' dawn il-proċeduri,filwaqt li jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiddikjara li l–azzjoni meħuda mill-Uffiċjali tal-Infurzar tal-Awtorita' Dwar it-Transport Malta kienet azzjoni abbusiva u meħuda Ultra Vires u tordna lill-istess Awtorita' Dwar it-Transport Malta sabiex tirritorna lura l-vettura ECE019 tal-għamla LDV Convoy lura fil-pussess tal-esponenti u dan skont dawk il-provedimenti kollha li dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu li huma xierqa u opportuni.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** ppreżentata fit-8 ta' Awwissu, 2022, li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi in linea preliminari, l-Awtorità eċċepjenti tirrileva li r-rikors in deżamina intavolat mir-rikorrenti huwa fuori termini (vide artikolu 40 tal-kap 499 tal-Liġijiet ta` Malta) u dan kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża de quo.*

2. *Illi ukoll in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, dan l-Onorabbli Tribunal hux munit bil-kompetenza 'razione materiae' stante li l-azzjoni meħuda mill-uffiċjali tal-infurzar tal-Awtorità Dwar it-Trasport ta` Malta mhux waħda kontemplata taħt l-artikolu 40 tal-kap 499 tal-Liġijiet ta` Malta.*

*Illi subordinarjament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-Awtorità eċċepjenti qed bil-qawwa kollha tirrespinġi l-allegazzjonijiet kollha rikorrenti bħala nfodati fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti:*

3. *Illi l-Awtorità Dwar it-Trasport ta` Malta hija munita b`dawk il-poteri mogħtija lilha mil-liġi.*

4. *Illi mhux minnu li l-Awtorità eċċepjent u /jew l-uffiċjali tal-infurzar ta` l-istess Awtorità kienu Ultra Vires fid-deċiżjoni jew l-azzjoni tagħhom stante li dejjem jimxu fil-parametri tal-Liġijiet ta` Malta jew tar-Regolamenti inkluż dawk tal-Liġi Sussidjarja 499.51 u dan kif ser ikun pruvat fil-mori tal-kawża.*

5. *Illi del resto l-Awtorità eċċepjent dejjem aġixxiet skond il-Liġi u b`hekk ma għandhiex tbati l-ispejjeż ta' din il-proċedura.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, għal motivi premessi u l-provi kollha produċibbli fl-istadju opportun tas-smigħ tar-rikors premess, dan l-Onorabbli Tribunal għandu jiċħad it-talbiet kollha rikorrenti.*

Ra illi l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni huma ta' natura preliminari u għaldaqstant ordna li dawn jiġu trattati u deċiżi qabel it-Tribunal jidħol fil-mertu tal-kwistjoni;

Ra n-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-istess eċċezzjonijiet;

Ra li r-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza fuq l-istess eċċezzjonijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ħassitha aggravata bl-aġir tal-Awtorita` intimata meta fit-2 ta' Mejju, 2022, uffiċjali tal-Awtorita` intimata rmunkaw vettura reġistrata f'isimha minn ġewwa l-Ħamrun.

Illi t-Tribunal iqis li għandha tiġi l-ewwel deċiża t-tieni eċċezzjoni tal-Awtorita` intimata u dana għaliex tolqot proprju l-kompetenza ta' dan it-Tribunal biex jisma' u jiddeċiedi l-proċeduri odjerni.

Illi l-Awtorita` ssostni li dan it-Tribunal mhux kompetenti *ratione materiae* stante li l-azzjoni tal-uffiċjali tagħha mhux waħda li tista' tiġi sindikata minn dan it-Tribunal ai termini tal-artikolu 40 tal-Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi ċ-ċitat artikolu jgħid hekk:

*40.(1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi:*

*(a) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata* ***b'deċiżjoni tal-Awtorità li tiċħad milli tagħti jew iġġedded, jew li tissospendi jew li tirrevoka awtorizzazzjoni, jew liċenza jew permess, jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew esklużjonijiet f'liċenza****; u*

*(b) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata* ***b'xi piena amministrattiva jew ta' xort'oħra imposta*** *fuq dik il-persuna mill-Awtorità:*

*Iżda, sakemm mhux preskritt bil-liġi, appell li jiġi preżentat skont id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jiġi preżentat fi żmien għoxrin ġurnata minn meta tkun ġiet riċevuta d-deċiżjoni tal-Awtorità.*

Illi min-naħa l-oħra jekk wieħed jara t-tifsira ta' "att amministrattiv" ai termini tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, isib li is-segwenti definizzjoni:

*kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità.*

Illi milli jista' jifhem it-Tribunal, ir-rikorrenti qiegħda tikkontesta l-aġir tal-uffiċjali tal-Awtorita` intimata li fit-2 ta' Mejju, 2022, irrikorrew fuq il-post fejn kienet qiegħda pparkjata l-vettura bin-numru ECE 019 u rmunkawha wara li sostnew li riedu jispezzjonawha għal xi irregolaritajiet. Jirriżulta li fis-6 ta' Mejju 2022 ir-rikorrenti ppreżentat ittra uffiċjali kontra l-Awtorita` intimata fejn infurmatha li l-aġir tal-uffiċjali tagħha kien *ultra vires* u talbitha sabiex fi żmien tlett (3) ijiem tirrilaxxa l-imsemmija vettura favur tagħha.[1]

Illi fis-6 ta' Lulju, 2022, l-Awtorita` intimata bagħtet ittra lir-rikorrenti fejn talbitha <u>tmur bil-vettura tagħha ġewwa l-uffiċini tagħha</u>[2] sabiex issir spezzjoni ġenerali stante li ġew innutati difetti gravi fl-istess vettura.[3]

---

[1] A fol. 15
[2] Fil-verita` l-vettura in kwistjoni ma kinitx fil-pussess tar-rikorrenti izda kienet u għadha fil-pussess tal-Awtorita` intimata
[3] Dokument NA5 a fol. 13

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal josserva illi l-Awtorita` intimata għandha raġun fit-tieni eċċezzjoni tagħha. Illi minn qari tad-disposizzjonijiet tal-liġi ċitati iktar 'il fuq, jirriżulta li mhux kull "att amministrattiv" jista' jiġi sindikat minn dan it-Tribunal. It-Tribunal huwa tal-fehma illi m'għandux kompetenza ġenerali li jissindika d-deċiżjonijiet/ordnijiet kollha ta' l-Awtorita` intimata iżda għandu biss kompetenza limitata ai termini tal-artikolu 40 su ċitat. Illi fil-fehma tat-Tribunal, l-azzjoni mwettqa fil-konfront tar-rikorrenti fit-2 ta' Mejju, 2022, ma tikkonfigurax bħala waħda mill-istanzi msemmija f'artikolu 40 tal-Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta u kwindi mhux kompetenti li jirrevediha.

B'dana kollu dan it-Tribunal iħoss li m'għandux sempliċement jilqa' l-eċċezzjoni u jiddikjara ruħu inkompetenti, iżda għandu japplika l-*proviso* ta' artikolu 741 (b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra s-segwenti:-

*"Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża."*

Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal hija l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li għandha kompetenza tirrevedi l-aġir tal-Awtorita` intimata u li minnu ħassitha aggravata r-rikorrenti.

Għalhekk permezz ta' digriet separat dan it-Tribunal se jkun qiegħed jordna li l-atti ta' dawn il-proċeduri jiġu trasferiti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

It-Tribunal huwa tal-fehma li ladarba huwa qiegħed jilqa' l-eċċezzjoni dwar il-kompetenza tiegħu, m'hemmx lok li jiddetermina l-ewwel eċċezzjoni u għaldaqstant se jkun qiegħed jastjeni milli jieħu konjizzjoni tagħha. Madankollu dan it-Tribunal jirrileva illi s-sitt xhur imsemmija f'artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 490 kif ċitat mir-rikorrenti japplika biss fejn m'hemmx terminu iqsar entro liema persuna aggravata trid tressaq l-appell tagħha quddiem dan it-Tribunal.

**DECIDE**

Għaldaqstant, filwaqt li t-Tribunal qiegħed jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni, qiegħed ukoll jilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-Awtorita` intimata, u konsegwentement jiddikjara li mhuwiex kompetenti biex jieħu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti; b'dana li se jkun qed jordna permezz ta' digriet *in camera* li l-atti ta' dawn il-proċeduri jiġu trasferiti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tieħu konjizzjoni tagħhom.

Bl-ispejjeż ta' din l-istanza a karigu tar-rikorrenti.

______________________________

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**